

FTEHIM AKP-UE TA' COTONOU

**GRUPP TAL-ISTATI AFRIKANI, TAL-
KARIBEW U TAL-PAĊIFIKU**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 22 ta' Diċembru 2020

ACP/84/072/20

ACP-UE 2107/20

DEĊIŻJONI AKP-UE

Suġġett: Deċiżjoni Nru 4/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-
22 ta' Diċembru 2020 li tagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Tekniku ta'
Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tiegħu għas-sena finanzjarja 2019

DEĊIŻJONI Nru 4/2020
TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE
tat-22 ta' Diċembru 2020
li tagħti kwittanza lid-Direttur
taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu
għas-sena finanzjarja 2019

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(6) tal-Anness III tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 2/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-4 ta' Diċembru 2020 biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE²,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 5/2013 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-7 ta' Novembru 2013 dwar l-Istatuti taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)³, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tal-Anness tiegħu,

¹ ĠU UE L 317, 15.12.2000, p. 3.

² ĠU UE L 420, 14.12.2020, p. 32.

³ ĠU UE L 309, 19.11.2013, p. 50.

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 3/2006 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-KE tas-27 ta' Settembru 2006 dwar ir-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)⁴, b'mod partikolari l-Artikolu 26(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet finanzjarji taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali għas-sena finanzjarja 2019 li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019,

Wara li kkunsidra r-rapporti tal-Awdituri dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji għas-sena finanzjarja 2019,

Wara li ħa nota tal-approvazzjoni, mill-Bord taċ-Ċentru, tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali għas-sena finanzjarja 2019, abbażi tal-eżami tar-rapport tal-awditjar,

Billi:

- (1) Id-dħul taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2019 ikkonsista prinċipalment minn kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, li jammonta għal EUR 19 622 000 minn total ta' EUR 21 760 000.
- (2) L-implimentazzjoni ġenerali tal-baġit taċ-Ċentru mid-Direttur matul is-sena finanzjarja 2019 kienet tali li jenħtieġ li d-Direttur jingħata kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dak il-baġit,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

⁴ ĠU UE L 350, 12.12.2006, p. 1.

Artikolu Uniku

Il-Kumitat, fuq il-bażi tar-rapport tal-Awdituri u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji għas-sena finanzjarja korrispondenti, b'dan jagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2019.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2020

Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

Il-President

Michael CLAUSS
